

- (2) Fil-każ li l-ewwel domanda preliminari tingħatalha risposta negattiva, l-Artikolu 8 tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li tistabbilixxi proċedura dwar l-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-istandardi u r-regolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà ta' l-Informatika, minkejja l-ewwel inċiż tal-Artikolu 10(1) tal-istess direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li jeżiġi li l-Kummissjoni għandha tiġi nnotifikata b'abozz tal-istandard li abbażi tiegħu kull kumpannija rreġistata taż-żejt li tipprovdi prodotti tal-petrol u/jew prodotti tad-diesel għall-konsum hija obbligata li fl-istess sena kalendarja tiprovdi kwantità ta' biokarburanti sostenibili għal konsum, jiġifieri bio-ethanol pur jew fil-forma ta' bio-ETBE, li jammonta għal mhux inqas minn 4 % vol/vol tal-kwantità ta' prodotti tal-petrol ipprovdu għall-konsum, u FAME li jammonta għal mhux inqas minn 4 % vol/vol tal-kwantità ta' prodotti tad-diesel ipprovdu għall-konsum?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Suceava Secția comercială, de contencios administrativ și Fiscal (ir-Rumania) fis-17 ta' Jannar 2011 — Sfichi Aurora Elena vs Direcția Generală a Finanțelor publice Suceava — Administrația Finanțelor Publice Suceava u Administrația Fondului Pentru Mediu**

**(Kawża C-29/11)**

(2011/C 113/08)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

#### **Qorti tar-rinviju**

Tribunal Suceava Secția comercială, de contencios administrativ și Fiscal

#### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Sfichi Aurora Elena

Konvenuta: Direcția Generală a Finanțelor publice Suceava — Administrația Finanțelor Publice Suceava u Administrația Fondului Pentru Mediu

#### **Domandi preliminari**

- (1) L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 110 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (li qabel kien l-Artikolu 90 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea), li jipprovdi li l-ebda Stat Membri ma għandu japplika, direttament jew indirettament, fuq il-prodotti ta' Stati Membri oħra, taxxi interni, ta' kull deskrizzjoni, oħla minn dawk applikati direttament jew indirettament fuq prodotti simili nazzjonali, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprojbixxi lil Stat Membri milli jistabbilixxi taxxa li jkollha l-karakteristiki bħal dik tat-taxxa fuq it-tnejx stabbilita bl-Ordonanța de Urgență Nru 50/2008, kif emadata u aġġornata, taxxa li hija imposta meta vettura użata u preċedentement irregistrazione

fi Stati Membri oħra tiġi rreġistra għall-ewwel darba fir-Rumania, sa fejn il-vetturi użati rreġistra fir-Rumania ma humiex suġġetti għal din it-taxxa jekk huma s-suġġett ta' tranżazzjonijiet u qed jerġġu jiġi rreġistra?

- (2) It-tieni paragrafu tal-Artikolu 110 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (li qabel kien l-Artikolu 90 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea), intiż sabiex jelmina l-elementi ta' natura li jipproteġu s-suq nazzjonali u li jippreġudikaw il-prinċipji ta' kompetizzjoni, jipprekludi li tiġi stabilita taxxa fuq it-tnejx stabbilita bl-Ordonanța de Urgență Nru 50/2008 teżenta mill-obbligu tal-ħlas tat-taxxa fuq ittniġġis “il-vetturi b'mutur M1 li għandhom standard ta' tniġġis Euro [4] u kapaċità ċilindrika li ma taqbiżx 2 000 cm<sup>3</sup>, kif ukoll kull vettura oħra b'mutur N1 li għandha standard ta' tniġġis Euro 4, irreġistra għall-ewwel darba fir-Rumania jew fi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea matul il-perijodu bejn il-15 ta' Diċembru 2008 u l-31 ta' Diċembru 2009 inkluż”, jiġifieri kategorija ta' vetturi li għandhom il-karakteristiki tekniċi ta' vetturi prodotti fir-Rumania, biex b'hekk tiffavorixxi s-settur nazzjonali tal-produzzjoni tal-vetturi?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal di Suceava Secția comercială, de contencios administrativ și fiscal (ir-Rumania) fis-17 ta' Jannar 2011 — Adrian Ilăș vs Direcția Generală a Finanțelor Publice Suceava — Administrația Finanțelor Publice Suceava u Administrația Fondului pentru Mediu**

**(Kawża C-30/11)**

(2011/C 113/09)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

#### **Qorti tar-rinviju**

Tribunal di Suceava Secția comercială, de contencios administrativ și fiscal.

#### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Adrian Ilăș

Konvenuti: Direcția Generală a Finanțelor Publice Suceava Administrația Finanțelor Publice Suceava u Administrația Fondului pentru Mediu.

#### **Domandi preliminari**

- (1) L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 110 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (li qabel kien l-Artikolu 90 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea), li jipprovdi li l-ebda Stat Membri ma għandu japplika, direttament jew indirettament, fuq il-prodotti ta' Stati Membri oħra, taxxi interni, ta' kull deskrizzjoni, oħla minn dawk applikati direttamente jew indirettamente fuq prodotti simili nazzjonali, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprojbixxi lil Stat Membri milli jistabbilixxi taxxa li jkollha l-karakteristiki bħal dik tat-taxxa fuq it-tnejx stabbilita bl-Ordonanța de Urgență Nru 50/2008, kif emadata u aġġornata, taxxa li hija imposta meta vettura użata u preċedentement irregistrazione